# Pieni eħrex
# għall-abbuż tat-tfal bl-internet

## Miżuri mill-Unjoni Ewropea biex jitħarsu t-tfal minn kull forma ta' abbuż

Il-Kunsill u l-Parlament Ewropej għadhom kemm qablu dwar direttiva biex fl-Istati Membri jkun hemm pieni eħrex għal dawk li jabbużaw sesswalment mit-tfal. Dawn huma xi eżempji tal-pieni stabbiliti mid-direttiva l-ġdida u li l-Istati Membri għandhom jimplimentaw fi żmien sentejn wara li din id-direttiva tiġi adottata:

**Abbuż sesswali tat-tfal** – minimu ta' għaxar snin ħabs għal min iġiegħel tfal jieħdu sehem f'attivitajiet sesswali.

**Pornografija tat-tfal** – minimu ta' sena ħabs għal pussess ta' pornografija tat-tfal u mill-inqas tliet snin għal min jipproduċiha.

**Industrija tat-turiżmu sesswali** – pieni għal min iwettaq reati barra mill-pajjiż u miżuri preventivi biex titnaqqas id-domanda għal servizzi sesswali barra l-UE.

**Abbuż mill-internet** – pieni akbar minn dawk mogħtija għal reati sesswali oħra, għal min jinvolvi lit-tfal fuq l-internet għal skopijiet sesswali.

L-użu tal-internet fl-abbuż tat-tfal huwa qasam li dwaru l-Unjoni Ewropea qiegħda tieħu azzjoni speċifika. Stħarriġ riċenti mill-Kummissjoni Ewropea juri li kwart tat-tfal li jużaw siti ta' networking soċjali għandhom il-profil tagħhom pubbliku, jiġifieri li jista' jarah kulħadd u li fih ħafna mit-tfal jagħtu l-indirizz jew in-numru tat-telefown tagħhom. Dan ifisser li t-tfal ikunu qegħdin jesponu lilhom infushom għal min irid jabbuża.

Minbarra proposti leġiżlattivi, kemm fl-UE u kemm f'Malta qegħdin isiru wkoll kampanji ta' għarfien għall-ġenituri, għall-edukaturi u għat-tfal dwar l-użu tal-internet. F'pajjiżna għaddejja kampanja msejħa *beSmart Online* biex it-tfal jiġu mħarsa minn min, bla kuxjenza, ifittex li jqarraq bihom.

Fittex iktar fuq din il-kampanja:
**www.besmartonline.org.mt**



Malta-EU Steering & Action Committee

indirizz: 280, Triq ir-Repubblika, Valletta tel: 2200 3300 email: info.meusac@gov.mt
www.meusac.gov.mt

Avviż bi ħlas